KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 05Ad hoc_13/08/09 VI

# MINUTI TAL-ĦAMES (AD HOC) SEDUTA

**Il-ħames seduta** (Ad hoc) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet il-Ħamis **13 ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Patrick Pace** |
| **Skużati:** | **Marianne Aquilina**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **L-avukat tal-kunsill:** | **Ivan Gatt** |

Is-seduta bdiet fis-7.30 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Deċiżjoni dwar il-problema tal-ġbir ta' skart f'Tas-Sliema

## 1. Deċiżjoni dwar il-problema tal-ġbir ta' skart f'Tas-Sliema

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta ż-żewġ stimi wara li l-kunsill iltaqa mas-Sur Victor Borg


Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

tal-kumpanija *Marvic and Sons* u s-Sur Joe Vella tal-koperattiva *Northern Cleaning*. Ta' min jinnota li s-sur Vella ippreżenta l-istima tiegħu f'isem *Velljo Services*. L-avukat tal-kunsill qal li f'dan il-każ ma tagħmilx differenza għax fil-każ ta' emerġenza l-kunsill ma kienx obbligat isejjaħ lil dawk li kienu ġew it-tieni jew it-tielet fit-tender tal-ġbir ta' l-iskart.

Iż-żewġ stimi huma annessi ma' dawn il-minuti bħala 'Doc A' u Doc 'B'.

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta wkoll kopja tal-minuti u evalwazzjoni tal-laqgħa li saret maż-żewġ kuntratturi l-Ħamis 13 ta' Awwissu fl-10 ta' filgħodu. Doc 'C'

Is-Sindku N. Dimech qal li ma nistgħux naffordjaw nagħmlu żball u jkollna l-istess problema ta' l-iskart f'Tas-Sliema. Ġie nnotat li għandna immorru għal xi ħadd li huwa familjari tat-toroq ta' Tas-Sliema, li huwa s-Sur Joseph Vella ta' *Velljo Services*. Ta' min jgħid ukoll li għalkemm il-prezz huwa għola minn ta' *Marvic and Sons,* dan għandu iżjed trukkijiet allura f'każ ta' ħsara se jkun hemm aktar *back-up*, Is-sur Vella għandu wkoll aktar esperjenza f'kunsilli lokali oħra.

L-avukat tal-kunsill informa lill-kunsill li peress huwa stat ta' emerġenza minħabba is-servizz ħażin li qiegħed jingħata u huwa kuntratt ta' perjodu qasir, l-għażla se tkun ġustifikabbli.

Dwar il-ġbir ta' skart separat ġie nnotat li s-Sur J. Vella jista jibqa jiġbor it-Tlieta la darba jitħallas mil-kunsill bil-preżentazzjoni tac-*chits,* minn naħa l-oħra is-Sur V. Borg ma jistax jiġbor it-Tlieta.

Is-Sindku N. Dimech ippropona li jintgħażel is-Sur J. Vella għal *Velljo Services* bil-kundizzjoni li jekk ma jingħatax is-servizz tajjeb il-kuntratt ma jiġġedditx għax-xaħar ta' wara u jingħata lis-Sur Borg għal *Marvic and Sons*. Il-viċi sindku J. Gonzi issekondat. Il-kunsilliera preżenti B. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur filwaqt li S. Camilleri ivvotat kontra.

Deċiżjoni għaddiet b'ħames voti favur u wieħed kontra.

Is-seduta ntemmet fit-8.15pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

DOC 'A'

# Marvic & Sons

**Victor Borg**
32, 'Casa Marvic',
Triq il-Helsien
Qormi QRM 08
Tel/Fax: 21490390 Mob: 7944 1309
Vat No: 1915 - 7012

## QUOTATION

**Date: 13th August 2009**

---

Sliema Local Council
Depiro Street
Sliema

| | |
|---|---|
| | EUR |
| Service Fee for Collection of Household per month | 12,000.00 |
| | 12,000.00 |
| Value added tax at 18% | 2,160.00 |
| | **14,160.00** |

**Starting Date:** 20th August 2009

| **Time:** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 1st Truck | 07.00 am | - | 10.00 am |
| | 2nd Truck | 10.00 am | - | 13.00 pm |
| | 3rd Truck | 11.30 am | - | 14.00 pm |
| | 4th Truck (small) | 10.00 am | - | 12.00 pm |

Victor Borg
Director

DOC 'B'

# VELLJO SERVICES


**WASTE MANAGEMENT CONTRACTORS**
Proprietor : Joseph Vella
47 Lampuki Street, St Paul's Bay, Malta
Email: *velljo@yahoo.com*
Tel (+356) 21577414 99478141 Fax 21586206
VAT MT 1073-3604


12th August 2009

Attention The Mayor
Kunsill Lokali
Sliema

Dear Sir

Re: Sliema – Provision Emergency Organic Waste Collection Services

Thank you for allowing me to submit an offer for the provision of emergancy organic waste collection service on a 6 day (Monday to Saturday) basis from your locality with 3 large RCV's and 1 small RCV. I would like to inform you that my monthly rate for the provision of the aformentioned services inclusive of VAT and contract manager fees will be Euro 21840 renewable on a montly basis.

Furthermore should your Council require any further collections in addition to the daily main organic waste collection, I shall can organise same at the following rate per trip, namely:

| | | |
|---|---|---|
| 1 trip with 1 Large RCV | @Euro230 | inclusive of VAT and contract manager |
| 1 trip with 1 Small RCV | @Euro175 | inclusive of VAT and contract manager |

You will appreciate that the work in Sliema is very familiar to me because I was the President and Manager of the co-operation that held the contract there for a period of six years before your current contractor. The track record of those six years is what I can offer you, today.

Whilst thanking you, I shall look forward to your queries and/or favourable advices.

Kind Regards,

Joseph Vella
General Manager

DOC 'C'

Laqgħa li saret il-kunsill nhar il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2009 mal-kuntratturi li ġew it-tieni u tielet post fit-tender tal-ġbir ta' l-iskart li kienet ingħatat madwar tlett snin ilu.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku: | Nikki Dimech |
| | Il-kunsilliera: | Bobby Cali |
| | | Sandra Camilleri |
| | | Edward Cuschieri |
| | Is-Segretarju Eżekutiv: | Josef Grech |
| | Assistant Principle: | Stefania Friggieri |
| | l-avukat tal-kunsill: | Ivan Gatt |

Wara s-seduta tal-kunsill ta' l-Erbgħa 12 ta' Awwissu, 2009 (4Ad Hoc) li ssejħet b'mod urġenti dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' skart, il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' maż-żewġ kuntratturi li ġew it-tieni u tielet post li huma *Northern Cleaning Cooperative* u *Marvic and Sons Ltd.*

Fil-11 ta' filgħodu l-kunsill iltaqa' mas-Sur Victor Borg u s-sur Antoine Bartolo li jirrappreżentaw lil *Marvic and Sons Ltd.*

Preżentament din il-kumpanija qegħda taħdem mal-kunsill lokali ta' Ħaż-Zebbuġ. Kienet taħdem ukoll mal-kunsill lokali tal-Hamrun pero qal li s-servizz kien waqaf minħabba raġuni ta' flus. Għandu seba ħaddiema u sitt snin esperjenza fil-kumpanija ta' Marvic and Sons Ltd. Qal ukoll li kien l-*area manager* tal-Koperattiva Indafa Pubblika.

Is-sindku N. Dimech spjega d-diffikultajiet li għandha preżentament u li l-kunsill qiegħed ifittex servizz tajjeb u puntwalita' għaliex ma jistax jibqa jirċievi aktar ilmenti minn residenti dwar is-servizz ħażin li qiegħed jingħata mil-kumpanija Transline. Is-sindku N. Dimech talab li l-area tal-promenade issir l-ewwel ħaġa bejn is-7 ta' filgħodu u d-9 ta' filgħodu. Il-kumplament tat-toroq l-oħra jistgħu jsiru wara mhux iktar tard mis-2 ta' wara nofs in-nhar. Is-Sur Borg għall-ewwel qal li din hija ftit impossibbli imma se jagħmel mill-aħjar li jlesti, irrimarka wkoll li biex tkun possibbli li jlesti fil-ħin irid iżid trukk u b'hekk se jogħla l-prezz. Is-Sur Borg qal ukoll li hu jekk se jaħdem irid li jagħti is-servizz bil-mod kif suppost.

Is-Sindku staqsieh minn meta se jkun jista jibda s-servizz f'każ li l-kuntratt jingħata lilu. Is-Sur Borg qal li se jipprova jibda l-Erbgħa tal-ġimgħa d-dieħla.

Dwar il-ġbir ta' skart separat is-Sur Borg qal li hu ma jistax jiġbru t-Tlieta iżda trid tkun ġurnata oħra.

F'nofs in-nhar man-*Northern Cleaning Cooperative* – Is-Sur Joseph Vella

Preżentament qiegħed jaħdem mal-kunsilli tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, Mosta, Naxxar, Luqa, Imtarfa, San Giljan, Swieqi, Għargħur u Pembroke. Għandu esperjenza f'Tas-Sliema għaliex kien ħadem għal madwar sitt snin. Għandu madwar 28 trukk u 84 impjegati.

Dwar il-ġbir ta' skart mil-promenade is-Sur Vella qal li mhux problema li jinġabar bejn is-7 u d-9 ta' filgħodu. Fir-rigward li jiġbor l-iskart tal-kumplament tat-toroq qal li se tkun ftit impossibbli li jispiċċa sas-2 ta' wara nofs in-nhar iżda se jagħmel mill-aħjar.

Dwar il-ġbir ta' skart ta' separat ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir it-Tlieta, la darba dan is-servizz jitħallas dirett mill-kunsill lokali.

Is-Sur Vella qal li jkun jista jibda mil-Erbgħa tal-ġimgħa d-dieħla.

Is-Sindku N. Dimech spjega liż-żewġ kumpaniji li dan jista jkun riklam tajjeb għall-kumpanija tagħhom minħabba li jistgħu juru x'servizz kapaċi joffru, u tkun opportunita tajba għalihom għal meta jiġi ġġudikat il-kuntratt il-ġdid.

Is-segretarju eżekuttiv spjega liż-żewġ kumpaniji li dan il-kuntratt se jkun bħala servizz ta' emerġenza li jkun jiġġeded minn xahar għal xahar sakemm jinħareġ il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' skart. Is-segretarju eżekuttiv qal ukoll li dan il-kuntratt il-ġdid għandu joħroġ minn meta jingħataw l-istruzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaliex ma jixtieqx li l-kunsill ta' Tas-Sliema ikun l-ewwel wieħed li joħroġ it-tender u jispiċċa fil-gazzetti minħabba li hu ftit ikkumplikat.

Is-segretarju Eżekuttiv talabhom ukoll, sabiex jibgħatu l-offerta tagħhom sas-7 ta' filgħaxija ta' din il-ġurnata stess minħabba li ssejħet laqgħa oħra urġenti tal-kunsill illum stess fis-7.30 ta' filgħaxija.

**Laqgħa li saret dwar il-kuntratt temporanju għall-ġbir ta' l-iskart - 13 ta' Awwissu, 2009**

| **Informazzjoni** | **Marvic and Sons Ltd** | **Northern Cleaning Cooperative** |
|---|---|---|
| | | |
| Esperjenza fil-kunsilli | Hamrun | Mellieħa, San Pawn il-Baħar, Mosta, Naxxar, Luqa, Imtarfa, San Giljan, Swieqi, Għargħur u Pembroke |
| Esperjenza f'Tas-Sliema | Le | Iva |
| Numru ta' ħaddiema | 7 | 84 |
| Trukkijiet | 7 | 28 |
| Il-Ġbir mil-promenade | 0700-0900 | 0700-0900 |
| Il-kumplament tal-ġbir | sas-2pm | sas-2pm |
| *Piling* | Le | Le |
| Gbir ta' skart separat | Mhux it-Tlieta | Tlieta - La darba jitħallas mill-kunsill |
| Servizz meta jibda | 20 ta' Awwissu, 2009 | 19 ta' Awwissu, 2009 |
| Ammont fix-xahar | Euro 14160.00 | Euro 21840 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |